// Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru erbatax (14) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar it-Tnejn 16 ta' Settembru 2013, fit-3pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Il-kunsillier Publius Abdilla talab għall-iktar informazzjoni fuq is-sur Sant, illi l-Viċi Sindku Johan Mula kien ippropona bħala narratur fil-laqgħa preċedenti. Il-Viċi Sindku qal illi hu narratur professjonali minn Birżebbuġia u hu biss offra li jagħmel dan ix-xogħol mingħajr ħlas [ref punt nru. 3.1]

3.2 Is-Sindku qal illi l-Viċi Sindku ta' Ħal Kirkop qalet illi bħala 'project leaders' tal-kors tal-piroteknika, huma biss kellhom ir-rendikont tal-accounts tal-kors. Is-Sindku qal illi talab għall-istatement peress illi hemm il-flus tal-Kunsill ta' Ħal Safi involut u ridna nkunu nafu kif intużaw. Saru pagamenti lill IDEMA ACADEMY [€4999.97 bejn il-parteċipanti kollha] u lil COOPERAZIONE SUD PER L EUROPA [€8205.99 bejn il-parteċipanti]. Qal illi peress illi twaqqfet it-tender, waqfet il-kors. Dawn il-

pagamenti saru f'Marzu [l-21]u f'April [is-16]. Il-Kunsill jixtieq jivverifika l-ammonti għax kien hemm diskrepanza ta €30 fuq kull pagament bejn l-ammont taħt "l-infieq" u t-transferiment tal-flus.

3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku kkonfermaw illi l-Kunsill issa għandu l-equipment kollu bzonnjuz għal Labour Office [ref punt 3.7]. Se juzaw imwejjed antiki ta' Skola Sajf. Is-Sindku reġa kkonferma li l-kamra se tibqa tal-Kunsill.

3.4 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi hu qabel li terġa ssir is-sleeping policeman [ref punt nru. 3.5] u talab il-versjoni tal-bqija tal-kunsilliera. Is-Sindku qal illi għadu ma sar xejn, bħal ma qal fil-laqgħa preċedenti, għaliex il-ħaddiema kellhom xogħolijiet oħrajn x'jieħdu ħsieb u ma riedx jagħtihom izjed pressure. Qal illi matul l-aħħar ġimgħat kien hemm problemi tad-dranaġġ li kellhom bzonn l-attenzjoni u l-ħin u tal-ħaddiema. Is-Sindku kompla billi qal illi l-isleeping police se ssir [il-kunsilliera qablu f'laqgħa preċedenti] izda ma jistax jgħid meta se ssir ix-xogħol. Zied illi se jkun hemm kamera fl-area.

3.5 Is-Sindku qal illi għadu rrid jiddiskuti l-proposta tas-surmast Tony Pace [ref punt 3.7 rigward il-Kor Sine Macula] miegħu, kif ukoll mal-kap tal-iskola. Qal illi ma kienx iż-żmien li tkellmu matul l-aħħar ġimgħat izda se jiltaqgħu dalwaqt, waqt illi s-sur Pace rringrazzja l-Kunsill għall-kooperazzjoni li sab fiħ meta kien fil-bzonn.

3.6 Is-Sindku ppropona li nuzaw is-servizz tal-Go, kif ukoll tal-Ozone u naraw liema jaqblilna nieħdu [ref punt 3.8] izda l-kunsilliera ma qablux mal-proposta peress illi nispiċċaw inħalsu żewġ kontijiet għall-istess servizz. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi ma tantx iħobb it-tbiddil fis-servizzi u avolja Ozone qegħdin joffru servizz irħas, ħadd ma jaf x'tip ta' servizz nieħdu mingħandhom. Il-Kunsill qabel illi nżommu s-servizz ta' Go waqt illi ssir izjed riċerka fuq l-offerta t'Ozone.

3.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm sejħa għall-applikazzjoni ta' fondi għal individwi li jixtiequ jixtru xi makkinarju li juzaw fil-produzzjoni ta' prodotti agrikulturali. Dawn huma mill-fondi li l-Kunsill kien applika għalihom għall-uzu tal-festa tal-Agrikulura u Frott li inzamm fir-raħal fil-15 ta' Settembru. Is-Sindku qal illi l-Kunsill applika għal fondi għall-attivita oħra mal-Gal Xlokk fejn għamilna talba għal €17,200. Qal ukoll illi ma tantx kelna ħin sabiex nimlew l-applikazzjoni u għalhekk il-kunsilliera ma kienux avzati fuq il-ħsieb tal-attivita qabel din is-seduta. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi jixtieq ikun jaf izjed dwar l-attivitajiet tal-Kunsill u jixtieq ikun t'għajnuna għax ħass illi ħafna pjanijiet qegħdin isiru barra l-kamra tas-seduti u qal illi l-kunsilliera kollha għandhom ikunu avzati fuq dak li qed jiġri. Qal ukoll illi għandhom jerfgħu l-piz bħala kollettiv ukoll. Zied illi waqt illi ħa pjaċir bl-attivita tal-15 ta' Settembru,

kieku kellu l-opportunita, u kieku ġie diskuss qabel, kien jagħti pariri biex intejbu l-preparazzjoni waqt illi qal illi s-Sindku ma jistax ilaħħaq ma kollox u għalhekk hu u l-kunsilliera oħra għandhom ikunu t'għajnuna. Qal illi ma kienx hemm banners/bnadar fl-attivita tal-15 ta' Settembru u huma affarijiet bħal dawn illi kiku kien isemmi waqt il-preparamenti. Is-Sindku qal illi kien hemm ftehim mal-Kazin biex joħorġu l-bandalori izda għal xi raġuni dan ma sarx. Fl-istess ħin is-Sindku qal illi apprezza li l-kazini u xi individwi ħarġu bandieri għal ġurnata.

3.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi talab kwotazzjonijiet ġodda għas-sit tal-Kunsill peress illi huma se jkollhom jieħdu ħsieb ukoll il-links għall-istream tal-laqgħat tal-Kunsill [ref punt nru 3.12]

3.9 Is-Sindku rringrazzja lil kunsillier Carlo Stivala, u l-kumitat Sportiv, għas-support u xogħol tagħhom matul il-Festa Agrikoltura u Frott. Qal ukoll illi kien hemm individwi mir-raħal illi kienu se jgħinu izda ma ħadux sehem għal raġuni u oħra u li xtaq illi jkun hemm 30 tractors mir-raħal izda kellu jfittex minn barra meta ma sabx l-għajnuna interna. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi jaqbel mal-kunsillier Publius Abdilla li qal illi għandhom ikunu involuti l-kunsilliera biex jgħinu f'każijiet bħal dawn. Rigward il-festa s-Sindku qal illi ħdimna fuq baġit zgħir u ħadna ħafna affarijiet b'xejn. Qal ukoll illi l-ħaddiema tal-IPSL uzaw il-vannijiet tagħhom biex jiġbru l-affarijiet għall-festa u ppropona li nħalsuhom €20 kull wieħed għad-diesel. Il-kunsillier qablu mal-proposta. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi kieku hu kien ikun lest joffri l-van tiegħu bla ħlas kieku irċieva talba. Is-Sindku qal ukoll illi jixtieq jagħmel festival tan-nar flimkien mal-irħula l-ġewwa mill-mina [u Ħal Luqa] fil-futur.

3.10 Is-Sindku qal illi rċevejna ħafna lmenti fuq bozza fejn triq il-Puniċi [wara mistoqsija mill-kunsillier Publius Abdilla/ ref punt nru 6.5] u qal illi bagħtna l-ilment imma għandhom jiġu jirranġawha meta jkun hemm bozoz oħrajn illi għandhom bzonn il-manutenzjoni. Qal ukoll illi konna rranġajna l-bozza u ġejna kkritikati għall-ebda raġun minn nies li qalu li m'għamilna xejn. Reġa fakkar illi hu jiċċekja l-bozoz bil-lejl u jkun jaf jekk verament mhumiex jixgħelu.

**4. Kors tal-Piroteknika**

4.1 Peress illi dan is-suġġett ġie diskuss qabel [punt 3.2] ma kienx hemm iktar informazzjoni x'jintqal u għalhekk dan il-punt ġie diskuss waqt "Punti mill-Minuti".

**5. Approvazzjoni tal-pagamenti**

5.1 L-approvazzjoni tal-pagamenti tas-seduta preċedenti kienu aċċettati u ffirmati. Fil-laqgħa li jmiss se jkun hemm l-Apprvazzjoni tal-pagamenti ta' din is-seduta, kif ukoll tas-seduta li jmiss.

**6. Ħwejjeġ oħra**

6.1 Wara li fetaħ is-suġġett is-Sindku, il-kunsilliera qablu li l-ħaddiema tal-Kunsill jitħallsu 'overtime' għall-għajnuna tagħhom matul il-weekend meta saru l-majjalata u l-Festa Agrikoltura.

6.2 Il-kunsilliera qablu li nħalsu l-kontijiet dovuti lejn il-Kazin għas-servizzi tagħhom fil-Milied [€537 (2012)], għal Jum Ħal Safi [€725] u għal Festa tal-Frott [€719], b'total ta' €1981.

6.3 Is-Sindku qal illi hemm familja li qed jilmenta fuq sleeping policeman f'triq Ta' Ġawħar [quddiem il-pet shop] għax qegħdin quddiem id-dar tagħhom u ma jistgħux jistrieħu bil-ħsejjes li jagħmlu l-karozzi meta jgħaddu minn fuqhom. Il-kunsilliera qablu fis-simpatija lejn din il-familja, izda qalu li għandna nassiguraw is-'safety' u li ma nistgħux niċċaqalqu dan l-isleeping policemen mingħajr ma nagħmluhom quddiem propjeta ta' xi ħadd ieħor. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi għandna nirrispondu bid-diplomazija u li dawn in-nies għandhom jifhmu li ma nistawx naqbdu u nneħħuhom. Is-Sindku qal illi jekk naqbdu u nneħħuhom, għandna ngħidu le għal kull talba li nirċievu għall-isleeping police. Il-kunsillier Publius Abdilla ssuġġerixxa li nistennew sakemm nirċievu izjed ilmenti biex nieħdu azzjoni, izda li għandna nfehmu l-pożizzjoni tagħna lil minn qed jilmenta.

6.4 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi kien għamel proposta rigward iż-żabra tal-palm ta' Misraħ San Ġużepp ftit ilu u jixtieq ikun jaf x'se jiġri issa. Is-Sindku qal illi ħa nġibu tower ladder biex nagħmlu l-kameras, u dan ix-xogħol se jsir fl-istess ħin.

6.5 Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa dwar bankina li saret f'triq il-Kuċċard. Is-Sindku qal illi saret malajr u ma saritx sew għax uzaw żrar differenti. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi tgħaddi għalissa u tidher aħjar milli kienet avolja għad fadal ftit izjed xogħol qabel ma tkun lesta. Is-Sindku qal illi jixtieq jagħmel bankina kull fejn hemm waħda nieqsa u fejn titla l-ħaxix imma qal ukoll illi l-ispejjez se jkunu ta'

problema. Qal ukoll illi jixtieq jagħmel l-istess fejn kelna proposta għall-iskatepark [il-proposta ma ġietx aċċettata għal fondi għal KLŻ]. Is-Sindku qal illi jixtieq jagħmel picnic area minflok. Qal illi jekk nzommu l-post kif inhu, xorta se jkolna ħafna spejjez għat-tindif tal-area.

6.6 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi jekk jagħmel ħafna xita se tegħreq it-triq fl-area Ta' Ġawħar. Is-Sindku qal illi għandu jmur fuq il-post, flimkien mal ħaddiema, biex jara x'hemm bzonn. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi hemm ġebel nieqes tal-kanal Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi għandna nnadfu l-katusi wkoll fl-istess post.

6.7 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil għamel talba għar-rendikont ta' x'hemm fil-Bank fil-laqgħa li jmiss.

**7 Laqgħa li jmiss**

7.1 Il-laqgħa ntemmet fit-6.15pm.

7.2 Il-laqgħa li jmiss se jsir fl-4 t' Ottubru fit-5.15pm wara li qablu l-kunsilliera.

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Francis Callus | Anthony Attard |